Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 121/2014/1

**Mario Salerno**

**Vs**

**Roderick Agius u Charles Muscat**

18 ta' Dicembru, 2018.

1. B'sentenza tad-9 ta' Novembru, 2017 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) cahdet it-talba tal-attur ghall-hlas ta' danni minhabba allegata malafama f'artiklu pubblikat fil-gazzetta l-Mument tal-Hadd 23 ta' Marzu, 2014, *"Is-Sindku Laburista ta' San Pawl il-Bahar ser jirrizenja fil-bidu ta' April"*.

2. B'rikors prezentat fit-28 ta' Novembru, 2017 l-attur appella mis-sentenza. L-ilment hu li l-ewwel qorti naqset milli taghmel apprezzament tajjeb tal-fatti u milli tezamina bir-reqqa l-provi li tressqu mill-attur.

3. Fl-artiklu oggett tal-kawza nkiteb li:

> *"Mario Salerno kien involut f'investigazzjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Dan b'rabta ma' hlas allegatament irregolari lil Mario Salerno li hatar lilu nnifsu ricerkatur fi progett tal-Kunsill Lokali ta' Hal Kirkop fejn kien Sindku, bl-isem Litus Go finanzjat b'fondi Ewropej. Hlasijiet li jaqbzu €18,000 bejn konsulenzi u spejjez ta' vjaggar u akkomodazzjoni.*
>
> *Fost ohrajn id-Dipartiment tal-Gvern lokali kien qed jistaqsi b'liema kriterji Salerno, u l-eks Segretarju tal-Kunsill ta' Hal Kirkop Ranier Busuttil inhatru ricerkatur u manager rispettivament.*
>
> *Mario Salerno kien qal li l-Kunsill kien infurmat b'dan il-progett u l-hatriet relatati, fil-laqgha tad-29 ta' Marzu 2010. Fil-minuti johrog car li dan ix-xoghol kien se jsir wara l-hin tax-xoghol tal-Kunsill – xi haga li kienet konfermata minn Salerno stess fl-ittra tieghu u ghaldaqstant ir-regolamenti tal-kuntratt jesigu li f'kuntratt li jaqbzu t-€12,500 fil-valur, ikun hemm process ta' tendering b'mill-inqas tliet offerenti.*
>
> *Diskrepanza ohra li kienet harget hi li filwaqt li l-Kunsill kien infurmat fil-laqgha tal-ahhar ta' Marzu tal-2010, l-istatements finanzjarji juru li l-pagamenti bdew ferm qabel, precizament mill-bidu tal-2010.*
>
> *Salerno qatt ma cahad li kemm hu kif ukoll l-eks Segretarju Ezekuttiv Ranier Busuttil thallsu doppjament tal-istess spejjez ta' vjaggar u akkomodazzjoni kemm mill-fondi tal-progett allokati ghal dan il-ghan, kif ukoll mill-fondi tal-Kunsill Lokali ta' Hal Kirkop"*.

4. L-ewwel qorti kkunsidrat partijiet differenti mill-artikolu u kkonkludiet li f'dak li nkiteb ma ntqal xejn malafamanti (ara pagna 11-14 tas-sentenza), u dan fir-rigward ta' dak li nkiteb li:

- L-attur kien, *"hatar lilu nnifsu ricerkatur fi progett tal-Kunsill ta' Hal Kirkop"*;
- Il-hlasijiet li saru lill-attur, *"jaqbzu t-€18,000 bejn konsulenzi u spejjez ta' vjaggar u akkomodazzjoni"*;
- Il-kuntratt li nghata lill-attur kellu jinghata permezz ta' *tender* u mhux *direct order*;
- Ghalkemm il-Kunsill Lokali kien mgharraf bil-progett f'Marzu 2010, il-pagamenti saru qabel. Inoltre, saru pagamenti doppji ghall-ivvjaggar u akkomodazzjoni.

5. M'hemmx prova daqstant cara ta' kif l-attur inhatar bhala ricerkatur fil-progett. Kienet il-kumpannija Ciprijotta, Isotech Limited li f'Novembru 2008 avvicinatu dwar progett tal-Unjoni Ewropea, u staqsitu jekk setax ighin (fol. 24). L-attur mill-ewwel wiegeb li kien interessat u ppropona li jkunu nvoluti l-Kunsill Lokali tal-Kirkop u l-Malta Organic Agriculture Movement. Eventwalment Isotech Limited ghazlet lill-Kunsill Lokali tal-Kirkop li tieghu l-attur kien Sindku. Permezz ta' ittra datata 23 ta' Novembru, 2009 li Isotech Limited baghtet lill-attur, iddikjarat:-

> *"Dear Mr Salerno,*
>
> *We would like to confirm that **you are qualified to participate in LitusGo project as Researcher and Mr Busuttil as Manager**.*
>
> *Do not hesitate to contact us if more information is needed.*
>
> *I am sure we will have a very successful project !"*

6. Ittra li taghti ndikazzjoni li l-attur kien ippropona lilu nnifsu biex jahdem bhala ricerkatur fuq il-progett. F'kull kaz pero' m'hemmx prova li l-Kunsill Lokali tal-Kirkop kellu oggezzjoni li jkun involut fil-progett LitusGo. Fil-minuti tal-laqgha tad-29 ta' Marzu, 2010 il-Kunsill iddiskuta l-progett LitusGo u l-uniku oggezzjoni kienet li Antonia Desira Demicoli u Ranier Busuttil jaghmlu x-xoghol relatat mal-progett wara l-hin tax-xoghol. Dakinhar l-attur kien ippropona li dawn it-tnejn min-nies sabiex jahdmu fuq il-progett.

7. M'hemmx dubju li dan il-progett fisser qliegh ghall-attur, Antonia Desira Demicoli u Ranier Busuttil (kien segretarju ezekuttiv tal-Kunsill). Fil-fatt jirrizulta li l-Kunsill kien perjodikament qieghed jircievi pagamenti minghand Isotech Limited, u mbaghad ihallas lill-attur, Demicoli u Busuttil (ara rendikont a fol. 270). Li jirrizulta wkoll hu li mit-23 ta' Frar, 2010 il-Kunsill Lokali ghamel l-ewwel hlasijiet fir-rigward ta' spejjez. Hlasijiet li saru wara li fit-22 ta' Frar, 2010 Isotech Limited ghamlet l-ewwel pagament lill-Kunsill Lokali ta' Hal Kirkop. Ghal dik li hi allowance lill-attur, Demicoli u Busuttil l-ewwel pagament sar fil-31 ta' Marzu, 2010 pero' l-hlas kien *back dated* ghal Jannar 2010.

8. L-attur ircieva allowance ta' €10,647 ghax-xoghol li ghamel, skont ma ddikjara Ranier Busuttil f'ittra datata 27 ta' Frar, 2013 li baghat lil Carmel Calleja, Sindku tal-Kunsill Lokali Kirkop. L-istess jirrizulta mid-dokument a fol. 270 *et seq*. Kien hemm hlasijiet ohra li saru ghall-ispejjez ta' vjaggar u *subsistence allowance*, li pero ma jidhirx li b'kollox ilehhqu s-somma ta' €18,000. Ma jirrizultax min iddecieda li l-attur ghandu jircievi s-somma ta' €380.25 ghal kull xahar. L-istess jinghad fir-rigward taz-zewg persuni l-ohra li hadmu fuq il-progett.

9. Minn korrispondenza li hemm fil-process jidher li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali kien staqsa certu domandi dwar il-progett LitusGo. F'dan ir-rigward il-qorti tirreferi ghall-email datata 26 ta' Lulju, 2012 (fol. 234) fejn fost'affarijiet gie mistoqsi:

> *"* B'liema kriterji gew maghzula s-Sur Mario Salerno, Ranier Busuttil u Antonia Desira Demicoli bhala Researcher, Manager u Administrator rispettivament, specjalment meta ma jidhirx li harget sejha ghall-impieg, u skont il-minuti li rajt, il-Kunsill Lokali qatt ma approva li dawn il-persuni jokkupaw dawn il-karigi ? Jekk ghandi zball, gentilment nitolbok tghaddili kopja tal-minuti fejn il-Kunsill approva lil Mario Salerno, Ranier Busuttil u Antonia Desira Demicoli bhala Researcher, Manager u Administrator rispettivament. Apparti dan, gentilment nitolbok tghaddili kopja tal-Minuti fejn il-Kunsill approva li jidhol f'dan il-progett....*
>
> **Ladarba dan il-progett issemma waqt il-laqgha tad-29 ta' Marzu, 2010 kif kienu diga' ntefqu aktar minn €9,000 fuq dan il-progett sa dik il-laqgha ?....*
>
> **Il-kwalifiki relatati max-xoghol ta' Researcher, Manager u Administrator gew specifikati minn Isotech Ltd ?|*
>
> **Ladarba Mario Salerno u Ranier Busuttil m'ghadhomx jokkupaw il-kariga ta' Sindku u Segretarju Ezekuttiv mal-Kunsill Lokali ta' Hal Kirkop, issa min ser jibqa' jahdem fuq dan il-progett ?...."*

10. Mill-minuti tal-laqgha tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2012 jirrizulta li ssemma li kien ghad trid tigi rkuprata s-somma ta' €13,000 u li l-kotba relatati mal-progett kienu ghadhom ma gewx pubblikati. Jinghad ukoll li:

> *"6.2.1 Il-Kunsillier Stephen Mizzi ssuggerixxa li jekk il-Kunsill Lokali jibqa' f'din is-sitwazzjoni, huwa lest li jressaq mozzjoni sabiex in-nies involuti f'dan il-progett jinzammu responsabbli.*
>
> *6.2.3 Issemma kif il-Kunsill ghandu jikteb lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar it-traskuragni murija min-naha tal-eks Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali u ghaldaqstant fil-prezent il-Kunsill mhux se jawtorizza l-flus li l-eks Segretarju Ezekuttiv qieghed ighid li ghandu jiehu tax-xoghol illi ghamel mal-Kunsill Lokali".*

M'hemmx prova dokumentarja li effettivament il-*manuals* li kellhom jigu pubblikati, fil-fatt gew pubblikati. Sahansitra, fir-rendikont tal-hlasijiet li saru mill-Kunsill Lokali in konnessjoni mal-progett (fol. 270-273) m'hemmx item li tirreferi ghall-ispiza tal-pubblikazzjoni tal-*manuals*.

11. M'hemmx prova li qabel is-seduta tal-Kunsill tad-29 ta' Marzu, 2010 l-attur kien diga' rcieva kumpens ghal xoghol li seta' ghamel qabel dakinhar. Pero' fl-ahhar ta' Marzu 2010 saru hlasijiet mill-Kunsill lill-attur, Busuttil u Desira Demicol ghall-perjodu minn Dicembru 2009 sa Marzu, 2010. Dan ifisser li l-attur beda jahdem bhala ricerkatur fuq il-progett sa minn qabel id-diskussjoni li saret fil-laqgha tal-kunsill tad-29 ta' Marzu, 2010. L-istess japplika ghaz-zewg persuni l-ohra li l-attur ghazel biex jahdmu mieghu fuq il-progett. Sahansitra, fl-ahhar ta' Frar 2010 il-Kunsill kien diga' rcieva s-somma ta' €12,539.19 minghand Isotech Ltd u l-ghada l-Kunsill hallas ghall-spejjez ta' vjaggar, akkomodazzjoni u *subsistence allowance* lill-attur. Il-qorti zzid li m'hemmx prova dokumentarja li l-progett kien gie dikuss u nghatat l-approvazzjoni ghalih sa minn qabel dakinhar.

12. Fl-artikolu nkiteb ukoll li l-attur thallas, *"doppjament tal-istess spejjez ta' vjaggar u akkomodazzjoni"*. Li rrizulta hu li kien hemm *subsistence allowance* ta' vjaggi, li dwarhom il-Kunsill ircieva hlas minghand Isotech u li jidher li l-attur u Busuttil ma kinux intitolati ghalihom. L-ammont kien ta' €4,055. Fl-ittra datata 27 ta' Frar, 2013 (fol. 301) li Ranier Busuttil baghat lil Carmel Calleja (Sindku tal-Kunsill) spjega:

> *"In the final phase of the project the Project Leader brought up the cut offs concerning staff costs, the guarantees and depreciation of the equipment.* ***Also the subsistence cut off tally to €4,055 which were deposited in the LitusGo bank account c/o Kirkop Local Council. BOV Transaction REF: 311-08/02/2013-9476-451-1****"*.

13. Filwaqt li in kontro-ezami Busuttil wiegeb li ma thallsux lura (ara fol. 399), ftit wara qal li thallsu (fol. 401). Pero' mid-dokument a fol. 273 jidher li l-hlas sar minn Busuttil. F'kull kaz kull ma nkiteb fl-artikolu oggett tal-kawza hu li l-attur ma cahadx li sar hlas doppju. Il-qorti fehmet li dak l-artikolu nkiteb wara intervista li saret lill-attur, u fehmet li wahda mid-domandi kienet jekk thallas doppjament tal-istess spejjez ta' vjaggar u akkomodazzjoni u ma wegibx ghall-mistoqsija. Sabiex sar hlas lura lill-Kunsill Lokali kif hemm registrat fl-istess dokument, bilfors li kien sar hlas li ma kienx dovut. Ma jirrizultax jekk il-Kunsill Lokali hallasx lura dik is-somma lil Isotech Limited.

14. Fl-artikolu inkiteb ukoll li, *"... ir-regolamenti tal-kuntratt jesigu li f'kuntratti li jaqbzu t-€12,500 fil-valur, ikun hemm process ta' tendering b'mill-inqas tlett offerenti"*. Dwar dan, Ranier Busuttil xehed: *"Nghid li l-progett kien jistipula li jekk ser ikun hemm staff allowance u jekk l-ammont ikun ilehhaq ghal €12,500 tul il-progett kollu, l-membri setghu jigu mahtura direttament minn Isotech Ltd. F'kaz li tinqabez din il-figura, kellha tinhareg sejha ghall-offerti"*. L-uniku riferenza li l-qorti sabet dwar dan fil-kwantita kbira ta' dokumenti li gew prezentati, kienet fil-kuntratt li Isotech Limited iffirmat ma' *The Education, Audiovisual and Culture Executive Agency* (fol. 361). Fi klawzola I.10.2 (fol. 363) jinghad li meta jkun hemm htiega li l-beneficjarju (Isotech Limited) jinkariga terzi sabiex iwettaq il-progett,

*"Contracts with a value between more than EUR 12,500 and EUR 25,000 are subject to a procedure involving at least three tenderers".*

Ghalhekk jidher li jekk kien hemm xi hadd li kellu jaghmel procedura ta' *tender*, kienet Isotech Limited u ma jirrizultax li kienet tapplika ghall-Kunsill Lokali.

15. Mit-taghrif li tat Antonia Desira Demicoli, f'dan il-progett il-Kunsill ircieva minghand Isotech Limited is-somma ta' €29,852.29 u jidher li mill-hlasijiet li ghamel spicca b'*deficit* ta' €2,434.21 (ara fol. 273).

16. Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-qorti tikkonkludi li:

- Jidher li l-progett LitusGo kien waqa' taht il-lenti tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali li kien staqsa certu domandi dwar ir-rwol tal-attur u Busuttil.

- Wiehed jista' jikkonkludi li Mario Salerno kien ressaq ismu, u dak ta' Busuttil u Desira Demicoli sabiex ikunu l-persuni li jahdmu fuq dan il-progett min-naha tal-Kunsill Lokali ta' Kirkop. Pero' ma jirrizultax li kien hemm xi hadd mill-kunsilliera l-ohra li oggezzjona ghal dan (ara l-minuti tal-laqgha tad-29 ta' Marzu, 2010).

- Il-hlasijiet li saru lill-attur u l-imsemmija persuni, ghax-xoghol li ghamlu u wkoll spejjez relatati ma' vjaggi, jaqbzu s-somma ta' €18,000.

- Il-htiega li ssir procedura ta' *tender* kienet da parti tas-socjeta Isotech Limited. M'hemmx prova li fil-fatt tali procedura saret minn Isotech qabel inkarigat lill-Kunsill Lokali ta' Kirkop sabiex ikun *partner* f'parti mill-progett LitusGo. Il-qorti ma taqbilx mal-attur li ma kienx hemm htiega ta' *tender*. Il-kuntratt li sar bejn Isotech Limited u l-Kunsill Lokali kien jaqbez il-valur ta' €12,500 u ghalhekk skont il-kuntratt li ffirmat Isotech Limited mal-agenzija Ewropea jidher li kien hemm bzonn li tkun segwita l-procedura tat-tender.

- Fi Frar 2010 sar hlas lil Salerno u Busuttil fir-rigward ta' vjagg in konnessjoni mal-progett. Hlas li sar qabel il-laqgha tad-29 ta' Marzu 2010. Ezatt wara dik il-laqgha sar ukoll hlas lil Salerno, Busuttil u Desira Demicoli fir-rigward tax-xhur Dicembru 2009 sa Marzu 2010, cjoe ghall-perjodu meta m'hemmx prova li kien hemm l-approvazzjoni tal-kunsilliera li l-Kunsill jippartecipa fil-progett Litusgo.

- Ghalkemm l-attur isostni li l-kunsilliera kienu nfurmati bil-progett ferm qabel il-laqgha tad-29 ta' Marzu, 2010 ma ressaqx bhala xhieda lill-kunsilliera l-ohra sabiex jikkonfermaw tali fatt. Il-fatt li f'email datata 4 ta' Dicembru, 2008 li baghat lil Isotech Limited kiteb, *"We have interest to participate in this programme"* (fol. 25) m'hijiex prova li l-progett kien gie diskuss u approvat mill-kunsilliera. Li tkun gharraft lil xi kunsilliera dwar il-progett b'mod generali, m'huwiex bizzejjed.

- M'hemmx prova li l-attur u Busuttil ircevew hlas in konnessjoni ma' spejjez ta' vjaggar minghand Isotech Limited u wkoll l-Kunsill Lokali ta' Hal Kirkop. Il-prova li hemm hi li l-hlasijiet li rcieva l-attur u zewg ufficjali l-ohra kien minghand il-Kunsill Lokali. Fir-rikors tal-appell l-attur argumenta li,

  > *"Illi l-qorti injorat totalment il-profit and loss account ipprezentat minn Antonia Desira Demicoli (vide fol. 267-273), fejn wiehed josserva li fit-8 ta' Frar 2013 kienet saret transazzjoni ta' €4,065.5 minn Ranier Busuttil fl-account tal-Kunsill, liema transazzjoni giet deskritta, "LitusGo Cut offs (Reimbursement re Mario Salerno & Ranier Busuttil re susbsistence cutoffs"). Dan juri bic-car illi kwalunkwe hlas li sar u li ma kienx eligibbli lill-appellant u lil Ranier Busuttil gie rifuz, u ghalhekk ma kien hemm l-ebda hlasijiet doppji kif gie allegat mill-appellati fil-gurnal il-Mument".*

  Id-dokument hekk juri, fis-sens li l-Kunsill ircieva s-somma ta' €4,055 minghand Ranier Busuttil. Tant hu hekk li gie registrat bhala *'Direct CR'*. Madankollu jibqa' l-fatt li kull ma nkiteb fl-artikolu hu li l-attur ma cahadx li Busuttil u, *"thallsu doppjament tal-istess spejjez ta' vjaggar u akkomodazzjoni"*. Li rrizulta hu li rcevew hlas li ma kienx dovut tant li fid-dokument li pprezentat Antonia Desira Demicoli jinghad li Ranier Busuttil hallas lura lill-Kunsill fit-8 ta' Frar, 2013.

17. Maghmula din l-analizi l-qorti tikkonkludi, bhall-ewwel qorti, li l-fatti rapportati huma sostanzjalment korretti. Fir-rikors tal-appell ma ssemmewx ragunijiet gravi li jikkonvincu lil din il-qorti li l-ewwel qorti ghamlet zball manifest fl-apprezzament tal-provi. Inoltre', l-attur stess xehed li jaghraf li kien jokkupa kariga pubblika, u ovvjament l-operat kien ser ikun soggett ghal stharrig u kritika b'mod partikolari tal-media tal-Partit Nazzjonalista.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kollha kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.